MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 427/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Jonathan Zammit (ID 6686 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u disgha u sittin ewro u erba` u erbghin centezmu (€269.44) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21434085 (AC40068907) skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba u skond diversi kontijiet mibghuta lilhu.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2009 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------